

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) NRU 1492/2007****tas-17 ta' Diċembru 2007****li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 fir-rigward tal-kwoti tariffarji għal ġerti prodotti li jorġinaw miċ-Ċili**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 tat-18 ta' Frar 2003 li jimplimenta d-disposizzjonijiet tat-tariffi tal-Komunità stabbiliti fil-Ftehim li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn naħa l-oħra (¹), u partikolament l-Artikolu 5 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament fil-Ftehim (KE) Nru 312/2003 jimplimenta għall-Komunità d-dispożizzjonijiet tat-tariffi stabbiliti li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunità u l-Istati Membri tagħha, minn naħa, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn naħa l-oħra (²).
- (2) Bid-Deċiżjoni 2005/106/KE (³) tiegħu, il-Kunsill approva Protokoll għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika taċ-Ċili, minn naħa l-oħra, sabiex tittieħed titqies l-adeżżjoni tar-Repubblika Ċeka, tar-Repubblika ta' l-Estonja, tar-Repubblika ta' Ċipru, tar-Repubblika ta' l-Ungjerja, tar-Repubblika tal-Latvja, tar-Repubblika tal-Litwanja, tar-Repubblika ta' Malta, tar-Repubblika tal-Polonia, tar-Repubblika ta' Slovenia, u tar-Repubblika Slovaka ma' l-Unjoni Ewropea (⁴) (minn hawn il-quddiem "il-Protokoll"). Il-Protokoll jinkludi konċessjonijiet tariffarji ġodda tal-Komunità, uħud minnhom limitati bil-kwoti tariffarji.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2005 tad-19 ta' Ottubru 2004 li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 312/2003 fir-rigward tal-kwoti tariffarji għal ġerti prodotti li jorġinaw miċ-Ċili implimenta dawn il-konċessjonijiet il-ġodda.
- (4) Skond il-Protokoll, il-volumi tal-kwoti tariffarji ġodda għandhom jiżdiedu annwalment, mill-1 ta' Jannar

2005, b' 5 % tal-kwantità oriġinali. Fl-interess taċ-ċarezza, jeħtieġ li jiġu stipulati l-volumi totali tal-kwoti tariffarji disponibbi fl-2005 għall-prodotti kkonċernati, li fihom hija digħi inkluża ż-żieda għal dik is-sena.

- (5) Ir-Regolament (KE) Nru 312/2003 għandu għalhekk jiġi emendat skond dan.
- (6) Ġaladarba l-volumi tal-kwoti tariffarji msemmija fir-Regolament iridu japplikaw mill-1 ta' Jannar 2005, dan ir-Regolament għandu japplika mill-istess data u għandu jidħol fis-seħħ immedjatament.
- (7) Il-miżuri provdu f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

**ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:****Artikolu 1**

Ir-Regolament (KE) Nru 312/2003 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3 għandu jiżdied il-paragrafu 3 li ġej:

"3. Il-volum annwali tal-kwota tariffarja bin-numru tas-serje Nru 09.1941 fl-Anness għandu jiżdied suċċessivament kull sena b'5 % tal-kwantità oriġinali mill-1 ta' Jannar 2005."

- (2) L-Anness huwa emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

**Artikolu 2**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tiegħu fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Dan għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005.

<sup>(1)</sup> ĠU L 46, 20.2.2003, p. 1. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 305/2005 (ĠU L 52, 25.2.2005, p. 6).

<sup>(2)</sup> ĠU L 352, 30.12.2002, p. 3.

<sup>(3)</sup> ĠU L 38, 10.2.2005, p. 1.

<sup>(4)</sup> ĠU L 38, 10.2.2005, p.3.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 17 ta' Diċembru 2007.

Għall-Kummissjoni  
László KOVÁCS  
*Membru tal-Kummissjoni*

#### ANNESS

Fl-Anness għar-Regolament (KE) Nru 312/2003, it-Tabella hija emendata kif ġej:

- (1) Fir-ringiela tal-kwota tariffarja bin-numru tas-serje 09.1925, il-volum annwali tal-kwota tariffarja fir-raba' kolonna huwa mibdul b'dan li ġej:  
“581,50 tunnellata (\*)

(\*) Dan il-volum annwali tal-kwota għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005. Għandu jiżdied suċċessivament kull sena, u għall-ewwel darba fl-2006 għal dik is-sena, b'26,50 tunnellata (5 % tal-volum oriġinali ta' 530 tunnellata).”

- (2) Fir-ringiela tal-kwota tariffarja bin-numru tas-serje 09.1929, il-volum annwali tal-kwota tariffarja fir-raba' kolonna huwa mibdul b'dan li ġej:  
“42 275 tunnellata (\*\*)”

(\*\*) Dan il-volum annwali tal-kwota għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005. Għandu jiżdied suċċessivament kull sena, u għall-ewwel darba fl-2006 għal dik is-sena, b'1 925 tunnellata (5 % tal-volum oriġinali ta' 38 500 tunnellata).”

- (3) Fir-ringiela tal-kwota tariffarja bin-numru tas-serje 09.1941, il-volum annwali tal-kwota tariffarja fir-raba' kolonna huwa mibdul b'dan li ġej:  
“1 050 tunnellata (\*\*\*)”

(\*\*\*) Dan il-volum tal-kwota annwali għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2005. Dan għandu jiżdied suċċessivament kull sena, u għall-ewwel darba fl-2006 għal dik is-sena, b'50 tunnellata (5 % tal-volum oriġinali ta' 1 000 tunnellata).”